# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn**
**Għoxrin (20) ta’ Frar 2023**

**Rikors Numru 481/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Mark Pace (K.I.87770M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta’ Lulju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Ir-rikorrent tressaq b'arrest flimkien ma' oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-22 ta' April tas-sena 2004 akkużat inter alia talli, b'assoċjazzjoni u traffikar tad-droga eroina, kokajina u raża tal-cannabis fil-jum tal-20 t'April u tul l-erba' xhur ta' qabel.*

    2. *Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala* Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali *nhar l-1 ta' Frar tas-sena 2019 fuq ammissjoni sabet lill-esponenti ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija u multa ta' ħamest elef ewro.*

3. *Illi tul dan il-perjodu l-esponenti għamel perjodu sostanzjali l-ħabs stante illi ma kienx ingħata l-ħelsien mill-arrest u għamel perjodu sussegwenti fuq arrest domiċiljarji [house arrest].*

***L-ewwel lanjanza Kostituzzjonali - Id-Dewmien tal-Proċeduri***

1. *Illi jiġi rilevat illi fil-każ odjern il-kumpilazzjoni ingħalqet fit-**12 ta' Mejju 2004** (ara verbal a fol 220). Dakinhar il-Qorti illiberat lil Joseph Pace u għal bqija tal-imputati ddeċidiet li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dawn jitqiegħdu taħt att ta' akkuża (ara digriet fol 287).*

2. *Sa mill-ewwel nota, l-Avukat Ġenerali iddeċieda juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap. 9. Fir-rinviji tiegħu l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li 1-Qorti tisma' kull prova oħra li ġġib il-Pulizija anke wara li 1-Pulizija eżawriet il-provi tagħha u ddikjarat, għal iktar minn darba, li għalqet il-provi (ara verbal tat-3 ta' Frar 2006 a fol 424 u rinviju sussegwenti tat-3 ta' Marzu 2006 a fol 429, verbal tas-17 ta' Marzu 2006 a fol 430 u rinviju sussegwenti tal-11 ta' April 2006 a fol 436, 26 ta' Mejju 2006 a fol 443, 12 ta' Lulju 2006 a fol 446, 22 ta' Awwissu 2006 a fol 453, 27 ta' Settembru 2006 a fol 456, 29 ta' Novembru 2006 a fol 463, 9 ta' Jannar 2007 a fol 473 u verbal tad-19 ta' Jannar 2007 a fol 479 fejn il-prosekuzzjoni għat-tielet darba reġgħet iddikjarat li m'għandhiex provi aktar x'tipproduċi).*

3. *Mir-rinviju tas-16 ta' Frar 2007 (a fol 481) 'l hemm imbagħad, l-Avukat Ġenerali beda jitlob għaċ-ċertifikat mediku ta' WPS45 rigward ferita kkawżata b'gidma f'kuxtejha mill-ko-akkużata Giovanna Pace u li terġa' tinstema l-istess WPS 45 għalkemm din kienet diġa' xehdet fit-12 ta' Mejju 2004 (ara xhieda a fol 238) kif ukoll li tiġi eżebita l-karta tal-identita ta' Giovanna Pace (ara rinviji tat-3 ta' April 2007 a fol 500, 21 ta' Ġunju 2007 a fol 530, 27 ta' Lulju 2007 a fol 546, 17 ta' Settembru 2007 a fol 552, 12 ta' Novembru 2007 a fol 563, 24 ta' Diċembru 2007 a fol 565, 12 ta' Frar 2008 a fol 574, 26 ta' Marzu 2008 a fol 592, 7 ta' Mejju 2008 a fol 599, 24 ta' Ġunju 2008 a fol 614, 19 ta' Awwissu 2008 a fol 617, 1 ta' Ottubru 2008 a fol 630, 6 ta' Novembru 2008 a fol 635, 22 ta' Diċembru 2008 a fol 641, 4 ta' Frar 2009 a fol 651, 11 ta' Marzu 2009 a fol 657, 11 ta' Ġunju 2009 a fol 690 u 21 ta' Lulju 2009 a fol 693).*

4. *Il-Pulizija minn naħa tagħha ħadet sentejn u ħames xhur sabiex tagħmel dak hekk mitlub mill-Avukat Ġenerali (mill-ewwel rinviju tas-16 ta' Frar 2007 sal-verbal tal-24 ta' Lulju 2009 fejn Dr. Mario Scerri ippreżenta r-rapport tiegħu rigward iċ-ċertifikat in kwistjoni).*

5. *Illi inoltre kien hemm diversi seduti fejn fihom ma sar xejn jew minħabba li 1-Uffiċjal Prosekutur nstab maqbud f'inkjesta jew impenjat f'xogħol urġenti Għawdex jew Qorti diversament presjeduta*

*jew sempliċiment indispost jew għax inbidel l-istess Uffiċjal Prosekutur.*

6. *Kien biss preċiżament fis-16 ta Ġunju 2011, jiġifieri seba' snin wara li nfetħu dawn il-proċeduri, li l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att ta' akkuża. F'din l-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali akkuża lir-rikorrenti b'delitti li għalihom talab li l-esponenti jiġi kkundannat għomru l-ħabs. Iżda nonostante dan l-Avukat Ġenerali nhar it-31 ta' Ottubru tas-sena 2014 u ċioe' tlett snin wara ħareġ il-kontro-ordni sabiex ir-rikorrent jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.*

7. *Il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġiet appuntata għat-12 ta' Diċembru 2014 (ara avviż a fol 1693) fejn dakinhar il-Qorti rrinvjat l-atti għand l-Avukat Ġenerali sabiex ikun f'qagħda li jibgħat l-artikoli li nħarġu fit-13 ta' Jannar 2015 (a fol 1697).*

8. *Dawn il-proċeduri fil-konfront tal-esponenti ġew konklużi finalment nhar l-1 ta' Frar tas-sena 2019 u ċioe' ħmistax-il sena, xahrejn u wieħed u għoxrin ġurnata wara minn meta nbeda l-każ odjern.*

***Liġi u Ġurisprudenza marbuta mal-ewwel lanjanza Kostituzzjonali***

1. *Skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea "Fid-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ .... fi żmien raġjonevoli ...*

2. *L-istess jistipula l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjonj li jipprovdi:*

   *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu ... jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevuli...*

3. *Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli fi proċedimenti kriminali jfittex li jiżgura li persuni akkużati ma jitqiegħdux taħt akkuża għal żmien twil wisq u li l-akkuża tiġi determinata fi żmien raġjonevoli. Dan sabiex il-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom (ara Wemhoff vs Germany, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal Bniedem, 27 ta' Ġunju ·1968, § 18; Kart v. Turkey, Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bħala Awla Manja (AM), 3 ta' Diċembru 2009, § 65).*

4. *Kif ġie delinjat f'iktar dettal, "hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni "is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil law position or on account of a*

*criminal charge against him; in the interest of the person in question as well of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand" (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Contention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602-3).*

5. *Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin, stabbilit il-prinċipji li għandhom jiddeterminaw it-tul taż-żmien tal-proċedimenti u l-kriterji indikattivi tar-raġjonevolezza ta' dan it-tul taż-żmien.*

6. *Il-kejl tar-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali jibda jiddekorri mill-mument li l-persuna tiġi "akkużata" minn awtorita' kompetenti (Adrian Busietta v. L-Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, 13 ta' Marzu 2006, para 9; Tychko v. Russia, QEDB, 11 ta' Ġunju 2015, 5 63). Dan iż-żmien jista' jibda jgħodd anke qabel mal-każ jittressaq quddiem il-Qorti (Deweer v. Belgium, QEDB, 27 ta' Frar 1980, § 42), preċiżament minn meta s-sitwazzjoni tal-akkużat tkun "sostanzjalment affettwata" (Mamie v. Slovenia (no. 2), QEDB, 27 ta' Lulju 2006, §§ 23-24; Liblik and Others v. Estonia, QEDB, 28 ta' Mejju 2019§ 94).*

7. *Kif ġie kemm il-darba affermat, ir-raġjonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża għandha titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ "magħdudin flimkien b'effett kumulattiv" f'kull stadju tal-kawża, inkluż dak tal-appell (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar 2016; Konig vs Germany datata supra § 110; Boddiert v. Belgium, QEDB, 12 ta' Ottubru 1992, § 36; Deumeland vs Germany, 29 ta' Mejju 1986, § 90).*

8. *Għall-Qorti Ewropeja għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem tant tqis dawn il-prinċipji sagrosanti li anke t-tul komplessiv tal-proċedimenti jista' jitqies li jkun qabeż iż-'żmien ragonevoli' anke fejn ċerti stadji tal-istess ikunu mxew b'ħeffa aċċettabli (Dobbertin v. France, QEDB, 25 ta' Frar 1993, § 44). Ġie stabbilit li dan ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni m' għandux jimmina l-prinċipju Ġenerali tal-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, wkoll stabbilit b'dan l-artikolu. Għandu għalhekk jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-diversi aspetti varji ta' dan ir-rekwiżit fundamentali (Raymond Bonnici et vs Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali, 2 ta' Marz.u 2015, para 27).*

9. *Fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien, il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji Ġenerali (Konig v. Germany ċitata supra§ 99; Neumeister v. Austria ċitata supra§ 21; Ringeisen v. Austria ċitata supra § 110; Pelissier and Sassi v. France, QEDB, 25 ta' Marzu 1999, § 67; Pedersen and Baadsgaard v. Denmark,*

*QEDB, 17 ta' Diċembru 2004 § 45; Chiarello v. Germany, QEDB, 20 ta' Ġunju 2019, § 45; Liblik and Others v. Estonia ċitata supra § 91). Dawn huma:*

*(i) il-kumplessita tal-każ;*
*(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;*
*(iii) il-kondotta ta1-Awtoritajiet relevanti;*
*(iv) x'hemm involut għall-persuna li qed tilmenta;*

10. *Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin (Milasi vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987) u ·13-il sena (Baggetta vs Italy, QEDB, 25 ta' Ġunju 1987) bħala li huma mhux raġjonevoli għall-proċedimenti kriminali. L-Awturi josservaw li "although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)" (Harris, O'Boyle & Warbrick, op. ċit., pag. 228)" (Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali ċitata supra).*

11. *Illi jekk wieħed janalizza dawn l-elementi għall-każ odjern wieħed jinnota illi l-proċeduri ittawwlu inutilment mhux tort tal-esponenti u żgur illi perjodu ta' ċirca ħmistax-il sena sabiex tinqata' l-kawża huwa perjodu irraġjonevoli u eċċessiv.*

*It-Tieni lanjanza Kostituzzjonali - Id-dritt għal-liberta' tal-esponenti*

1. *Illi l-esponenti ingħata l-ħelsien mill-arrest fit-tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbgħa (2004) u ċioe kważi tlett ġimgħat mid-data tal-arrest; (ara fol.275 tal-atti proċesswali).*

2. *Illi dan il-benefiċċju kien ġie konċess lilu mill-Qorti tal-Maġistrati b'għadd ta' kundizzjonijiet fosthom illi ma joħroġx mid-dar ħlief sabiex jattendi l-Qorti jew inkella għal xi raġuni medika u dana wara li jinforma l-Ispettur. Illi għalhekk huwa kien taħt arrest domiċiljarju ossia house arrest. Illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u erbgħa (2004) l-esponenti għamel talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex ikun jista' joħroġ mid-dar f'ħinijiet stipulati u dana stante illi huwa kien qiegħed iħoss sew l-effetti tal-arrest domiċiljari tant illi kien diġa' għamel arranġamenti sabiex iżur psikjatra;*

3. *Illi fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (ara a fol.336 tal-atti proċesswali) huwa kien fil-fatt spjega kif martu kienet allontanat ruħha mid-dar matrimonjali u uliedu kienu qegħdin jinżammu mill-ġenituri tiegħu. Illi huwa kien aċċenna wkoll għall-fatt illi d-dar ta' residenza tiegħu hija waħda ferm żgħira ta' żewġt ikmamar, mingħajr bejt u il-bitħa tiegħu hija toqba;*

4. *Illi fit-22 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'dana li huwa ingħata l-fakolta illi joħroġ mit-3:00p.m. sas-7:00 p.m. u jiffirma l-għassa ta' Ħal-Qormi kuljum;*

5. *Illi għalhekk L-esponenti qatta' ħames xhur (neqsin jumejn) taħt arrest preventiv fil-forma ta' house arrest b'dana li matul dan iż-żmien huwa ma setax joħroġ minn daru fl-ebda waqt u fl-ebda ħin ħlief sabiex jattendi s-seduti tal-Qorti;*

6. *Illi nonostante illi huwa għamel dan iż-żmien arrestat, fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan il-perjodu ta' arrest domiċiljarju u għalhekk ma naqsitx l-istess mill-piena inflitta meta kkundannatu għal piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija u multa ta' ħamest elef ewro;*

7. *Illi di piu, meta tali arrest ma ġiex imnaqqas mill-piena inflitta, l-esponenti kellu jiskonta parti mill-piena (ossia l-ammont ta' żmien li kien diġa' għamel taħt house arrest) darbtejn u dan bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;*

***Liġi u Ġurisprudenza marbuta mat-tieni lanjanza Kostituzzjonali***

1. *Jingħad in primis, illi l-arrest domiċiljari mhux regolat taħt il-liġi nostrana b'dana illi kienet saħansitra l-Qorti Kostituzzjonali, presedjuta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent DeGaetano, fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet James Demanuele vs. Avukat Ġenerali li esprimiet ruħha f'dan is-sens:*

> *jibda biex jingħad li l-liġi tagħna ma tipprovdix espressament għall-arrest fid-dar ta' dak li jkun.*

2. *Illi għalhekk l-Qorti Kostituzzjonali diġa esprimiet ruħha wkoll fuq il-perikolożita' tal-istess arrest domiċiljarji:*

> *Jidher li maż-żmien il-Qrati tal-Maġistrati ġew persważi mid-difensuri ta' nies li jkunu akkużati b'reati, speċjalment b'reati ta' ċerta gravita', biex filwaqt li effettivament joħorġu lill-akkużat jew imputat mill-ħabs, fl-istess ħin, pero', jżommuh "arrestat id-dar", jiġifieri ma jkunx jista' joħroġ ħlief normalment biex jattendi l-Qorti jew għal raġunijiet mediċi. Jidher li din bdiet tiġi kunsidrata bħala soluzzjoni "konvenjenti" għal kulħadd - l-imputat imur id-dar u ma jibqax il-ħabs, u l-Qorti "moħħha mistrieħ" li mhux ser tiġi inundata b'rikors wieħed wara l-ieħor għall-"bail".*

*Din il-Qorti, pero ', hi tal-fehma li tali prassi, li kif osservat l-ewwel Qorti, hija praeter legem, hija waħda perikoluża, u, bid-dovut rigward għall-qrati kollha li sa issa applikawha, ftit li xejn tagħmel sens. Fil-fehma ta' din il- Qorti, il-ħsieb kollu wara l-hekk imsejjaħ "house arrest" bħala kundizzjoni tal-"bail" huwa żbaljat, għax jew hemm, b'mod reali u konkret, wieħed jew aktar mill-perikoli ravviżati fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1), u allura l-ħelsien mill-arrest m'għandux jingħata jew ma hemmx, u allura l-imputat jew akkużat għandu jinħeles mill-arrest taħt garanzija u b'dawk il-kundizzjonijiet l-oħra li, kif ingħad, ikomplu jiggarantixxu b'mod raġjonevoli li ma tavverax ruħha xi waħda mill-imsemmija ċirkostanzi. Il-house arrest, pero', ma jista' qatt jagħti l-garanziji li jagħti l-arrest preventiv proprju, speċjalment għal dak li jirrigwarda l-perikolu fondat ta' inkwinament tal-provi.*

3. *Dik il-Qorti kompliet tfisser li "house arrest", u ċioe' meta persuna tkun effettivament qed tinżamm detenuta d-dar tagħha flok f'post desinjat skond il-liġi bħala "ħabs", jammonta xorta waħda għal forma ta' arrest b'tali mod li dak l-arrest irid ikun ġustifikat skond l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, jekk ma jkunx hekk ġustifikat, ikun hemm leżjoni tal-imsemmi Artikolu 5(3);*

   *Fil-każ tagħna, dan mhux regolat bil-liġi u huwa sempliċement "kundizzjoni" tal-"bail". Pero', kif tajjeb josserva l-appellant, għalkemm sempliċi kondizzjoni tal-"bail", jibqa' xorta waħda forma ta' arrest b'tali mod li jrid ikun ġustifikat daqs li kieku l-persuna in kwistjoni għadha qed tinżamm il-ħabs ta' Kordin jew f'xi post ieħor deżinjat bħala "ħabs" skond il-liġi.*

4. *Illi kienet anke il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umnani illi fis-sentenza Nikolova u Pekov, qalet li house arrest huwa 'another form of deprivation of liberty' u għalhekk jaqa' taħt l-artikolu 5(1). Il-Qorti Ewropea wkoll diversi drabi qalet li hija tmur għas-sustanza u mhux għall-apparenzi. Issejħilhiex kundizzjoni tal-bail jew house arrest, l-effett tagħha huwa privazzjoni tal-liberta.*

5. *Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropeja, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mancini vs. Italy datat it-2 t' Awwissu, 2001, irriteniet is-segwenti:*

   *In the instant case in view of their effects and their manner of implementation, both imprisonment and house arrest amounted to a deprivation of the applicants' liberty for the purposes of Article 5 {1} (c) of the Convention"*

6. *Illi l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja in diżamina jgħid sintetikament is-segwenti:*

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għall-liberta' u għas-sigurta tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tlkkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat";*

7. *Illi għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin u dawk tal-Qorti Ewropeja jirriżulta ampjament li house arrest huwa forma xorta waħda ta' arrest.*

8. *Jifdal għalhekk x'wieħed jikkonsidra propju jekk dan l-arrest għandux jitnaqqas mill-piena u dan in vista tal-fatt lill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward hija waħda mhux daqstant paċifika.*

9. *Illi hawnhekk ser ssir referenza għal dak li rriteniet il- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Diċembru 2009 fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Muscat:*

> *Mill-banda l-oħra, pero', il-fatt li persuna tkun għamlet xi perjodu taħt "house arrest" ma jintitolahiex li dak iż-żmien ta' "house arrest" jitnaqqsilha bi dritt, ċioe' b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 ta' Kap. 9, u dan għar-raġuni sempliċi li l-"arrest preventiv" li huwa kontemplat li jitnaqqas skond l-imsemmi Artikolu 22 huwa dak iż-żmien li l-persuna tkun għamlet miżmuma l-ħabs u mhux f'post li mhux "ħabs" skond il-liġi - ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar (4/10/2007) u Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Hafes Ibrahim el Degwi (8/5/2008).*
>
> *Mill-banda l-oħra, fil-każijiet fejn, kontra dak indikat mill-Qorti Kostituzzjonali, tali "house arrest" ġa ġie applikat, dan l-arrest domiċiljari jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn Qorti fl-ikkalibrar tal-piena speċjalment meta dan l-arrest*
>
> *(i) ikun wieħed assolut (ċioe' l-persuna prattikament ma toħroġ xejn minn darha ħlief biex tattendi l-Qorti),*
> *(ii) ikun fuq periodu konsiderevoli u*
> *(iii) l-imputat ma jkun għamel xejn, direttament jew indirettament, biex itawwal il-proċeduri.*

*10. Illi 1-Artikolu 7 tal-Konvenzzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani jgħid:*

*1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f' xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fi żmien meta r-reat kriminali ikun sar.*

*2. Dan l-Artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji Ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati.*

*11. Illi b'referenza għal dak hawn fuq sanċit, għandu jirriżulta paċifiku li meta fis-sentenza konklussiva l-proċess kriminali dan il-perjodu tad-detenzjoni domiċiljari jiġi injorat, dan ikollu l-effett immedjat li min ikun hekk kolpit, bħar-rikorrenti odjern, ikun effettivament qiegħed jiġi ppenalizzat doppjament, u dan, fid-dawl tad-definizzjoni tad-detenzjoni domiċiljari f'Mancini vs. Italy fuq riferita, (ara paragrafu numru ħamsa u sittin, (65.) aktar qabel);*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġjonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali surreferiti, kif ukoll iż-żmien li qatta' r-rikorrenti taħt arrest domiċiljarji li ma tnaqqasx mill-piena inflitta, lledew d-dritt fundamentali u kostituzzjonali tiegħu, hekk kif sanċiti fl-Artikolu 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 37 u 39 ta Kostituzzjoni ta' Malta;*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

2. Rat illi fis-27 ta’ Awissu 2021 **l-Avukat tal-Istat** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti qiegħda tallega li ġarrbet leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali li ġew istitwiti kontriha.*

*2. Illi l-esponenti jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*3. Illi r-rikorrenti jrid jipprova li eżawrixxa r-rimedji ordinarji kollha a dispożizzjoni tiegħu.*

*ALLEGAZZJONI TA' DEWMIEN MHUX RAĠJONEVOLI*

4. *Illi din il-lanjanza kostituzzjonali tolqot l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

5. *Illi qabel xejn, l-oneru tal-prova tal-fatt jinkombi fuq ir-rikorrenti.*

6. *Illi huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali, kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex l-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Għalhekk, skond il-ġurisprudenza assodata, kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura.*

7. *Illi għalkemm m'hemmx dubju li l-kawża kriminali in kwistjoni ħadet ċertu żmien biex ġiet konkluża, dan kien ġustifikat minħabba l-komplessita' tal-każ, l-imġieba tar-rikorrent stess, u d-diffikultajiet li qamu fil-ġbir tal-provi waqt il-kumpilazzjoni.*

8. *Illi ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti da parti tal-Qorti li wassal għal dewmien biex il-kawża tinstema' fi żmien raġjonevoli u wisq inqas ma' kien hemm nuqqas mill-esponent jew tal-Qorti li semgħet il-kawża. Ukoll is-sentenzi ingħataw fi żmien raġjonevoli.*

9. *Illi dan jingħad peress illi, nonostante kwalunkwe nuqqas li jipprova jaddebita lill-prosekuzzjoni fil-premessi tar-Rikors Promotur, il-fatt li din l-kawża hija impostata kontra l-eċċipjenti Avukat ta' l-Istat, u kontra l-eċċipjenti waħdu, jfisser li l-investigazzjoni ġudizzjarja de quo għandha tkun limitata għal dak li għamlet, jew naqset li għamlet, l-awtorita' ġudizzjarja, ċioe' il-Qrati penali aditi biss u ma hux loku li, kif ġiet impostata din il-kawża, issir xi reviżjoni ta' azzjoni jew omissjoni da parti ta' ħaddieħor, riferibbilment għall-Pulizija u 1-Avukat Ġenerali, la ma ġewx ċitati fil-ġudizzju.*

10. *Illi tajjeb li jiġi rilevat f'dan l-istadju, kif jistqarr ir-rikorrenti ex admissis, illi l-kawża ġiet deċiża effettivament fuq ammissjoni tiegħu, ammissjoni li huwa rreġistra ben 15-il sena wara li tressaq, ċioe' fl-1 ta' Frar 2019. Kieku r-rikorrenti rreġistra l-ammissjoni tiegħu fi żmien bikri, u mhux iħalli 15-il sena jgħaddu, ċertament il-kawża kienet tiġi mismugħa u deċiża ħafna iżjed malajr.*

11. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzju jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta.*

12. *Illi jrid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skond il-Liġi.*

13. *Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponent jeċċepixxi li mill-assjem tal-proċeduri kriminali in deżamina għalkemm il-każ dam numru ta' snin sakemm ġie deċiż, ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli għaliex dan id-dewmien kien ġustifikat.*

*ALLEGAZZJONI LI ARREST DOMIĊILJARJI MA TNAQQASX MILL-PIENA INFLITTA*

14. *Illi l-lanjanza kostituzzjonali l-oħra tar-rikorrenti tirrigwarda allegazzjoni li l-istess rikorrenti qatta' 5 xhur ċirca f' arrest domiċiljarji mingħajr ma' din tqieset jew tnaqqset mill-piena inflitta.*

15. *Illi qabel xejn l-oneru tal-prova tal-fatt jinkombi fuq ir-rikorrenti.*

16. *Illi kif jgħid ir-rikorrenti ex admissis, il-kunċett ta' 'house arrest' ma jinsabx fil-Liġijiet tagħna - għalhekk jiġi eċċepit illi r-rikorrenti ma jistax jallega li ġie assoġġettat għal xi ħaġa li lanqas biss teżisti fl-ordinamenti ġuridiku Malti. Il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ma humiex, u m'għandhomx jitqiesu ekwivalenti għal żamma f'arrest ġewwa ħabs. Għal din ir-raġuni ir-rikorrenti ma hux korrett meta jippretendi xi tnaqqis mill-piena sempliċiment għaliex il-ħelsien mill-arrest kien jirregola l-movimenti tiegħu.*

17. *Illi għandu jiġi ċċarat li l-ilment odjern jittratta l-fatt li kwalunkwe arrest domiċiljarju, ma tnaqqasx mill-piena li ġiet inflitta. L-ilment odjern ma jittrattax xi allegazzjoni ta' illeġittimita' ta' arrest jew vjolazzjoni ta' xi drittijiet dwar il-liberta' tal-persuna tiegħu. Għalhekk, għandu jirriżulta li l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, u lanqas l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ma humiex applikabbli għall-każ de quo.*

18. *Illi lanqas ma huwa applikabbli għal każ de quo l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan jingħad stante li għandu jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża li l-ħtija ġiet determinata fuq reati li kienu jeżistu fiż-żmien addebitat fil-Liġi Maltija, u lanqas m'għandu jirriżulta li l-piena inflitta kienet ikbar mill-piena applikabbli fiż-żmien meta seħħ ir-reat.*

19. *Illi lanqas ma japplikaw l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 1-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni għal dan l-ilment kostituzzjonali.*

20. *Illi dak li effettivament jittenta f'din il-lanjanza tiegħu hija li ssir reviżjoni tal-piena inflitta. Dak huwa l-uniku rimedju li jista' tassew jippretendi jekk dina l-Onorabbli Qorti issib xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. L-esponenti jeċċepixxi li dina l-Onorabbli Qorti ma hiex Qorti ta' Reviżjoni, la fit-tieni u lanqas fit-tielet grad, u m' għandhiex tħalli min jimmanipulaha sabiex isservi għal dan l-iskop.*

21. *Illi tajjeb li jiġi rilevat, anke fil-kuntest ta' din il-lanjanza kostituzzjonali, illi kieku r-rikorrenti rreġistra ammissjoni fi żmien bikri, u mhux 15-il sena wara li tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ċertament la kien jibqa' taħt arrest, u lanqas kienu ikollu bżonn li jkun taħt kundizzjonijiet għall-iskop ta' ħelsien mill-arrest.*

*ARTIKOLU 37 TAL-KOSTITUZZJONI*

22. *Illi 1-azzjoni odjerna, u l-ilmenti kostituzzjonali odjerni, huma bbażati fuq l-Artikolu 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hekk kif jirriżulta mill-ewwel talba.*

23. *Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jittratta t-teħid forzuż ta' proprjeta' mingħajr il-ħlas ta' kumpens xieraq. Fil-kuntest ta' ilment kostituzzjonali relatat ma' tul jew dewmien proċedurali mhux raġjonevoli, u kwistjoni ta' piena mhux imnaqqsa, għandu jirriżulta ċar li din ma hijiex kwistjoni dwar drittijiet proprjetarji, u għaldaqstant l-Artikolu 37 ma hux applikabbli għall-każ de quo.*

*IT-TIENI TALBA - RIMEDJU*

24. *Illi mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, u filwaqt illi t-tieni talba ma tippreċiżax jew ma tissuġġerix x'jista' jkun ir-rimedju opportun, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament seħħew xi vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali kif allegat u mitlub, u allura tqis li għandha tagħti xi forma ta' rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju għandu jkun biss ta' kumpens bħala danni morali u mhux ta' danni materjali.*

25. *Illi f'każ illi r-rikorrenti qiegħed jippretendi xi forma ta' kumpens pekunjarju in linea ta' danni materjali, ir-rikorrenti huwa obbligat li jipprova d-danni lmentati minnu sal-grad rikjest mil-Liġi.*

*Għalhekk u fid-dawl tas-suespost, jiġi eċċepit illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

11. Rat li fl-1 ta’ Diċembru 2021, il-kawża odjerna inġiebet quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, sabiex timxi flimkien mal-kawża ‘Giovanna Pace vs l-Avukat tal-Istat’ (Rik nru 145/2021).

12. Rat li fit-12 ta’ Mejju 2022 din il-Qorti ordnat illi l-provi miġjuba fil-kawża 145/2021 japplikaw ukoll għal din il-kawża 481/2021.

13. Rat li fit-12 ta’ Mejju 2022, in vista ta’ dan il-verbal u li ġew allegati l-atti tal-proċess Kriminali, l-avukat difensur iddikjarat il-provi tar-rikorrent magħluqa.

14. Rat li fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

15. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-1 ta’ Novembru 2022 (fol 31).

16. Rat l-atti tal-proċeduri kriminali annessi mal-proċeduri odjerni.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta li r-rikorrent tressaq b’arrest flimkien ma’ oħrajn quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja nhar it-22 ta’ April 2004, akkużat b’assoċjazzjoni u traffikar tad-droga eroina, kokaina, u rasa tal-cannabis fil-jum tal-20 ta’ April u tul l-erba’ xhur ta’ qabel. Eventwalment, fis-16 ta’ ta’ Ġunju 2011 inħarġet l-att ta’ akkuża.

18. Jirriżulta li l-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta’ Mejju 2004, fejn Mark Pace ingħata l-ħelsien mill-arrest u l-oħrajn tqegħdu taħt l-att ta’ akkuża. Il-kundizzjonijiet, għal xi żmien, kienu restrittivi fejn ir-rikorrent ma setax joħroġ mid-dar, liema kondizzjonijiet ir-rikorrenti jikkontendi huma simili għall-arrest domiċiljarju.

19. Fl-14 ta’ Ottubru 2004 kien għamel talba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex ikun jista’ joħroġ mid-dar f’ħinijiet stipulati wara li kien taħt arrest domiċiljarju u fit-22 ta’ Ottubru 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tar-rikorrent li joħroġ mit-3p.m. sas-7p.m. u jiffirma l-Għassa ta’ Ħal Qormi. Tali kundizzjoniijet sussegwentement ġew varjati varji drabi, fuq talba tar-rikorrent, sakemm fit-28 ta’ Awissu 2009, ġie varjat bil-ħinijiet ta’ rinkażar bejn it-20.00 u s-7.00am.

20. Jirriżulta li l-Avukat Ġenerali għażel juża l-proċedura tar-rinviju stabbilita fl-artikolu 405 tal-Kap 9, fejn jidher illi, bejn it-3 ta’ Frar 2006 u d-19 ta’ Jannar 2007 saru tmien rinviji għall-provi ulterjuri, fejn fi tlett okkażjonijiet il-Pulizija ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippreżentaw.

21. Jirriżulta wkoll illi, bejn is-16 ta' Frar 2007 u l-21 ta' Lulju 2009, saru tmintax-il rinviju sabiex il-Pulizija teżebixxi ċertifikat mediku in konnessjoni ma' ġrieħi kkawżati fuq membru tagħha stess, ossija il-WPS 45 rigward ferita ikkawżata b'gidma. Il-Pulizija damet sentejn u ħames xhur sabiex tressaq tali prova, fejn kien biss fl-24 ta' Lulju 2009 li Dr Mario Scerri ippreżenta r-rapport tiegħu.

22. Jirriżulta sussegwentement, li kien fis-16 ta' Ġunju 2011, seba' snin wara li infetħu dawn il-proċeduri, li l-Avukat Ġenerali ħareġ l-att ta' akkuża, fejn għażel illi l-akkużi kontra r-rikorrent jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-Qorti Kriminali.

23. Jirriżulta li sussegwentement fil-31 ta' Ottubru 2014, inħarġet kontro-ordni sabiex ir-rikorrenti jiġi ipproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

24. Jirriżulta li l-każ ta' Mark Pace ġie appuntat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali għat-12 ta' Diċembru 2014 u l-proċedura ġiet finalment konkluża fl-1 ta' Frar 2019, fejn, fuq ammissjoni, ġie ikkundannat għal piena ta' ħmistax-il xahar u multa ta' ħamest elef Ewro (€ 5,000).

**Ikkunsidrat**

25. Jirriżulta, mit-talbiet u l-premessi, illi r-rikorrent qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll a tenur tal-Artikolu 5, 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimat Avukat tal-Istat qajjem varji difiżi, kif fuq ġia aħjar deskritti.

**Mertu tal-każ**

27. Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi wara li l-każ tiegħu dam jinstema' għal diversi snin, ossija ħmistax il-sena u xahrejn u ftit ġranet wara li nbeda l-każ kriminali. Jirriżulta, di fatti, li l-proċedura kriminali ġiet finalment konkluża nhar l-1 ta' Frar 2019.

28. Ir-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu fejn qed jikkontendi li ġew leżi l-artikolu 5 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem fuq żewġ binarji

    a. L-ewwel ilment tiegħu jirrigwarda it-trapass ta' żmien u d-dewmien irraġonevoli sakemm ġew konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

b. Fit-tieni lok, huwa qed jilmenta mill-fatt li ż-żmien li qatta' taħt arrest domiċiljarji ma tnaqqasx mill-piena inflitta.

29. Għalhekk, il-leżjoni tad-drittijiet fundamentali kif vantata mir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea hija dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih.

30. Ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna, li l-komplessita tal-każ weħedha ma twassalx sabiex kwalunkwe dewmien jitqies raġonevoli.

31. Il-Qorti tosserva li fil-każ in eżami, ir-rikorrent tressaq b'arrest flimkien mal-ko-imputati l-oħra, fit-22 ta' April 2004. Il-kumpilazzjoni ingħalqet fit-12 ta' Mejju 2004, fejn flimkien ma oħrajn, ir-rikorrent tqiegħed taħt l-att ta' akkuża.

32. Ġie sottomess li meta ħarġet l-att ta' akkuża, l-Avukat Ġenerali dam aktar minn tlett snin sabiex ħareġ il-kontro-ordni. Preċedentement, l-Avukat Ġenerali kien għażel il-proċedura tar-rinviji a tenur tal-artiklu 405 tal-Kap 9. Kien hemm sussegwentement anke seduti li fihom ma sar xejn. L-ilment tar-rikorrent huwa ippernjat fuq it-trapass esaġerat taż-żmien sakemm ġie konkluż il-każ.

33. Minn naħa l-oħra, l-intimat, Avukat tal-Istat sostna li l-proċedura kriminali kontra r-rikorrent ma kinitx tirrikjedi xi suġġett partikolari li jirrikjedi speditezza. Inoltre`, ġie sottomess, li indubbjament, il-proċedura kriminali fil-konfront tar-rikorrent kienet ta' ċerta serjetà, kien hemm bżonn numru ta' xhieda u bżonn relazzjonijiet ta' diversi esperti, li tirrigwarda sejba sostanzjali ta' droga. Di piu`, ġie sottolineat ukoll, li wara li l-ko-imputati kollha taw il-kunsens tagħhom, li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom.

34. L-Avukat tal-Istat kompla jissottolinea li s-seduti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja inżammu b'mod regolari. Wara li nħarġet l-att ta' akkuża fis-16 ta' Ġunju 2011, l-eċċezzjonijeit tal-ko-akkużati ġew deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kirminali fit-13 ta' Ġunju 2013. Minbarra hekk, il-każ tar-rikorrent kellu kwistjoni addizzjonali, fejn kien hemm żewġ referenzi kostituzzjonali provokati mill-ko-akkużati l-oħra. U sussegwentement għal dawn iż-żewġ kawżi Kostituzzjonali, fil-mori tal-appell Kriminali inħarġet kontro-ordni mill-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u s-seduti nżammu b'mod regolari sabiex id-difiża ressqet il-provi tagħha. Għalhekk, ġie sostnut li ma kienx hemm nuqqas sfaċċat u esaġerat meta ikkunsidrat il-kumplessita` tal-każ.

35. Hawnhekk, tajjeb, jiġi meqjus, li din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ hemmx ksur tal-jeddijiet invokati abbażi ta' dewmien irraġonevoli kif allegat mill-istess rikorrent.

36. L-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-miżuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *(a) Li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu,*
>
> *(b) Li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
>
> *(c) Li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk,*
>
> *(d) Li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu,*
>
> *(e) Li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

37. Illi skont l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" ingħad:

*"A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a speċifiċ right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

38. L-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi:

(1) *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi."*

(2) *Kull qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

39. Fl-ewwel lok, jingħad li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg kif ukoll ta' din il-Qorti, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq wieħed irid jara u jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara wkoll ad eż. il-każ **Van Mechelen and Others vs The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997), fejn ingħad hekk:

*"When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings.....This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings......."*

40. Ukoll, fil-każ **Moreira de Azvedo vs Portugal** 11296/84 deċiż fit-23 ta' Ottubru 1990 igħad:

*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice withut delays which might jeopardise the effectiveness and credibility."*

41. Fil-kawża **Vocaturo vs Italy**, deċiża mill-QEDB fl-24 ta' Mejju 1991 u fil-każ **G.H. vs Austria** deċiża mill-QEDB fit-3 ta' Ottubru 2000, fejn il-Qorti Ewropea sostniet:

*"It is for contracting states to organise their legal systems in such a way that the Courts can guarantee the right to everone to obtain a final decision on disputes relating to ċivil rights and obligations within a reasonable time.*

*Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea irribadiet li sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm dewmien li mhux raġonevoli, hemm bżonn li jiġu ikkunsidrati t-tlett fatturi segwenti:*
*(i) Il-kumplessita tal-każ*
*(ii) L-imġieba tal-Qorti*
*(iii) L-imġieba ta' min ikun qed jagħmel il-lament".*

42. Ma' dawn wieħed għandu jqis '*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation.*' (ara ad eż. **Price and Lowe vs the United Kingdom**, nos 43185/98 and 43186/98, 20, 29 July 2003; **Frydlander vs France** App. Nru 30979/96, 27 ta' Ġunju 2000).

43. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003, kompliet tispjega il-kriterji hawn fuq imsemmija hekk:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li ikun qed jiġi allegat li jaghti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx għalhekk xi perjodu pre-determined, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabeż ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli.*

*When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In may cases, the court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapes of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weigħed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings.....the applicaion of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, amy lead to different conclusions.....(Van Dijk P. U Van Hoof GĦJ Theory and Practice of the European Convention on Huma Rights Kluwer Law (The Hague) 1998 pp 446-449.*

44. Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' żmien raġonevoli, il-Qrati tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew it-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jħalli f'idejn il-ġudikant jiddetermina jekk fiċ-

ċirkostanzi partikolari tal-każ, iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjeta' demokratika. Dan kollu jindika li kull każ għandi jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. (Ara **Zakkarija Calleja vs L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Diċembru 2015).

45. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi, l-każ **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali** deċiż fit-22 ta' April 2015 mill-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali fejn intqal:

> *"Illi d-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati ikunu jistgħu iwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smiegħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa li jħaddnu iċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qiegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*
>
> *Illi b'danakollu jekk minħabba l-inadekwenza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-magna tal-ġustizzja ibati bla ħtija ċ-ċittadin, L-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tagħrbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ".......that article imposes to the Contracting states the duty to organise their judicial system in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision [**Salesi vs Italy** 26/2/1993]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs italy (27/10/1994]. Aktar reċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them......it is for the Contracting states to organise their legal systems in such a way teat their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to ċivil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]."*

46. F'dan l-istess każ **Anton Camilleri vs Avukat|Ġenerali**, ingħad:

> *"Illi dwar kif tkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minnu tali waqt li jibda l-*

*interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li z-żmien jibda minn x'hin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem il-Qorti. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura ikun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell.*

*Inoltre` tali evalwazzjoni m'għandhiex tiġi stabbilita in vacuum jew a bażi biss tan-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in eżami u ċ-ċirkostanzi kollha li l-Qorti tkun qed taħdem fihom fiż-żmien in kwistjoni."*

47. Ikkunsidrat ukoll li dan id-dritt jirrispetta wkoll il-prinċipju tal-effikaċja billi dewmien esaġerat jimmilita kontra l-aċċess garantit għall-ġustizzja li għandu jiġi żgurat mill-Istat lil kull ċittadin. Kif jgħidu l-awturi **Jacobs White & Ovey** fil-ktieb The European Convention on Human Rights - 6th edition p.273:

"*The object of the provision of article 6(1) is to protext the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility."*

48. Inoltre`, kif jirritjenu diversi awturi, bħal **Clayton R. & Tomlinson H**, 2001, Fair Trial Rights, Oxford pg 88-89, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxu d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

*"......the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, aspects of general right to a fair hearing, the following implied rights:*

*a) The right of access to the courts*
*b) The right to be present to an adversarial hearing*
*c) The right to equality of arms*
*d) The right to a fair presentation of the evidence*
*e) The right to cross-examine, and*
*f) The right to reasonal judgement."*

49. Dawn l-istess prinċipji hawn fuq imsemmija huma garantiti wkoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Għalhekk, hawnhekk irid jiġi mistħarreġ l-ilment prinċipali dwar l-irragonevolezza taż-żmien. Ir-rikorrent qed

jilmenta li ġie leż id-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq minħabba dewmien dovut għal raġunijiet internament indipendenti minnu.

50. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li l-Avukat Ġenerali kien għażel li jadotta l-proċedura tar-rinviji tenur tal-artikolu 405 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fl-istess rinviji l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti li li l-Qorti tisma' kull prova li ġġib il-Pulizija anke wara li l-Pulizija kienet ikkonkludiet il-provi tagħha. Jiġi nnutat li mir-rinviji tas-16 ta' Frar 2007, l-Avukat Ġenerali beda jitlob ċertifikat mediku ta WPS 45 rigward ferita ikkawżata b'gidma u sabiex terġa' tixhed WPS 45 u baqgħu jinżammu diversi seduti fir-rigward ta' dan sa' Ġunju 2009.

51. Din il-Qorti tosserva illi jirriżulta ċar li kien hemm tul ta' żmien minn meta l-Avukat Ġenerali beda bil-proċedura tar-rinviji sa Ġunju 2009 sakemm ġew konklużi l-provi mitluba. Inoltre`, jiġi meqjus ukoll, li l-att ta' akkuża ħarġet fis-16 ta' Ġunju 2011, seba' snin wara li inbdiet il-proċedura kriminali mertu ta' din il-vertenza. Fl-istess att ta' akkuża, ir-rikorrent kien ġie akkużat b'delitti u kien hemm it-talba li jingħata għomor ħabs. Minkejja dan, l-Avukat Ġenerali xorta, uża l-prerogattiva tiegħu, talab li r-rikorrent u l-ko-imputati jgħaddu ġuri, u kien biss sussegwentement tlett snin wara li inħarġet il-kontro-ordni li l-Avukat Ġenerali talab li -rikorrent jiġi ipproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

52. Din il-Qorti tqis, illi huwa tort imputabbli direttament lill-Avukat Ġenerali, kemm fil-proċedura tar-rinviji, kif ukoll meta intużat il-prerogattiva li r-rikorrent jgħaddi ġuri, u għal medda ta' tlett snin ma sar xejn sabiex imbagħad preċiżament tlett snin wara l-Avukat Ġenerali ħareġ il-kontro-ordni sabiex ir-rikorrent jiġi ipproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

53. L-Avukat tal-Istat, fis-sottomissjonijiet sostna li wara li l-ko-imputati taw il-kunsens tagħhom, li l-każ jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta Ġudikatura Kriminali damu ħames snin iressqu d-difiżi tagħhom. Dan, ċertament ma jitfax dawl ta' dilungar u dewmien da parti tar-rikorrenti, għaliex fiċ-ċirkostanzi, ma jistax jiġi meqjus li kien hemm dilungar f'dan il-perjodu ta' gbir ta' provi, kif qed jittenta jsostni l-intimat, iżda kien leċitu li r-rikorrent iressaq id-difizi tiegħu.

54. Ikkunsidrati dawn il-fatti u ċirkostanzi, din il-Qorti tqis, li t-trapass ta' snin ma jistax jiġi attribwit għal fatturi li l-prosekuzzjoni ma kellhiex kontroll fuqhom, dan għaliex id-dilungar, kien strettament u speċifikatament konsegwenza tal-proċeduri tar-rinviji, u taċ-ċertifikat mediku u provi fir-rigward, mitluba wara r-rinviji, li tawlu l-proċess, u għall-fatt li ma sar xejn għall-perjodu ta' tlett snin sakemm l-Avukat Ġenerali ddeċieda li joħroġ il-kontro-ordni. Komplessivament, jidher, li d-dewmien huwa attribwibbli prinċipalment għal deċiżjonijiet u insistenzi mhux f'lokhom da parti tal-

Avukat Ġenerali, u ċertament ma jistax jingħad li kien hemm nuqqasijiet lampanti da parti tal-Qorti fir-rigward ta' dewmien.

55. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tirrilevax illi, għalkemm jidher ċar illi n-nuqqasjiet huma imputabbli prinċipalment lejn l-Avukat Ġenerali w il-Pulizija, il-Qorti għandha r-responsabbiltajiet tagħha, stante illi tali ksur seħħ taħt l-awspiċju tagħha, minkejja li għandu jingħad illi l-leġislazzjoni odjerna timpedixxi lill-Qrati sabiex joperaw b'mod aktar effettiv minħabba fil-kontroll aħħari illi għandu l-Avukat Ġenerali – il-Qorti setgħet, f'dawn iċ-ċirkostanzi, tirriferi di suo sponte, l-possibbilta' ta' ilment kostituzzjonali dwar dewmien lill-Prim' Awla, Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, sabiex l-aġir abbusiv tal-Avukat Ġenerali u l-Pulizija jitwaqqaf u jingħata terminu biex jagħlaq il-provi, wara liema terminu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jista' jagħmel aktar rinviji, u dan bħalma ġara fil-każ ta' **Tarcisio Mifsud vs Avukat Ġenerali et**.

56. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent, fil-proċeduri odjerni, għażel li ma jindirizzax l-azzjoni fil-konfront tal-Pulizija u/jew tal-Avukat Ġenerali iżda, fil-każ odjern, unikament kontra l-Avukat tal-Istat, liema Avukat tal-Istat, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, jidher biss għall-kwalsiasi azzjoni imputabbli unikament lejn l-operat tal-Qrati, kif korrettement irrileva fid-9 paragrafu tal-eċċezzjonijet tiegħu – dana ghalhekk jwassal lill-Qorti, sabiex tieħu l-konsiderazzjonijiet meħtieġa meta tkun qiegħda tikkunsidra d-danni dovuti.

57. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tasal biex tikkonkludi li fid-dawl tal-fatturi hawn fuq imsemmija, li taw lok għal dewmien żejjed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienu lil hinn mill-kontroll tar-rikorrent. Dan jagħti lok għal ġustifikazzjoni għal-lanjanza tar-rikorrent, li sofra ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, b'hekk qed jiġi konkluż, li l-inċertezza ikkawżata mid-dewmien fil-proċeduri kriminali, għar-raġunijiet mogħtija ħolqu preġudizzju sproporzjonat li ma jistax jiġi injorat.

58. Għaldaqstant, in vista tas-suespost u għall-motivi spjegati, jirriżulta li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikrorent taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

59. Konsegwentement, tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat f'dan ir-rigward u tilqa' t-talba tar-rikorrent, fuq dan l-ewwel ilment tar-rikorrent, il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent speċifikatment għall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, b'hekk tqis li r-rikorrent jistħoqqlu jingħata rimedju xieraq u effettiv bħala kumpens morali.

## L-ilment tar-rikorrent – Id-dritt għal-liberta` tar-rikorrent

60. Ir-rikorrent sostna li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali ai termini tal-Artkolu 5, tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, peress li meta ingħata l-ħelsien mill-arrest fit-12 ta' Mejju 2004, tlett ġimgħat mid-data tal-arrest tiegħu, dan il-benefiċċju ġie konċess lilu b'kundizzjonijiet fosthom illi ma joħroġx mid-dar ħlief biex jattendi l-Qorti jew għal xi raġuni medika. Għalhekk, huwa kien taħt forma ta' arrest domiċiljarju, ossija 'house arrest'. Illi fl-14 ta' Ottubru 2004, ġie ippreżentat rikors sabiex ikun jista' joħroġ mid-dar f'ħinijiet stipulati u fit-22 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba tar-rikorrent fejn huwa ngħata l-fakolta` li joħroġ mit-3p.m. sas-7p.m. u jiffirma l-Għassa ta' Ħal Qormi kuljum.

61. Għalhekk, ir-rikorrent qed isostni li huwa għamel ħames xhur neqsin jumejn taħt arrest preventiv fil-forma ta' '*house arrest*', u nonostante li huwa għamel dan il-perjodu ta' żmien taħt house arrest, fis-sentenza tagħha, l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan il-perjodu ta' żmien ta' arrest domiċiljarju. Huwa proprju għalhekk, li r-rikorrent qed jinvoka leżjoni ta' drittijiet abbażi tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

62. **L-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> *"1. Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta` u għas-sigurta` tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-liberta` tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effetwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta ikun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat."*

63. Jibda biex jingħad li dwar l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, fil-każ **Mckay vs the United Kingdom** ġie spjegat hekk:

> *"Article 5 of the Convention is, together with Articles2,3 and 4, in the first rank of the fundamental rights that protect the physical security of an individual, ……… and as such its importance is paramount. Its key purpose is to prevent arbitrary or unjustified deprivations of liberty (see for example, **Lukanov v Bulgaria**, 20 March 1997, 41 reports 1997-II and **Ilascu and Others v Moldova and Russia** [GC], no.48787/99, 461, ECHR 2004-VII). Three strands in particular may be identified as running through the Court's case-law; the exhaustive nature of the exceptions, which must be interpreted strictly (see **Ciulla v Italy**, 22 February 1989 series A no 148). And which do not allow for the broad range of justifications under other provisions (Article 8-11 of the Convention in particular); the repeated emphasis on the lawfulness of the detention, procedurally and substantively, requiring scrupulous*

*adherence to the rule of law see **Winterwerp vs the Netherlands**, 24 October 1979, 39 Series A no.33) and the importance (of the promptness or speediness of the requisite judicial contracts (under Article 5, 3 and 4).”*

64. Illi skont l-awturi **Harris O’Boyle & Warwick** Law of European Convention on Human Rights (3rd Edition pp 301):

*“The overeaching principles (of article 5) can be summarised as follows:*

*a)the detention has a basis, and is in conformity with the applicable domestic law; and*

*b)domestic law satisfies Convention standards as to the quality of the law (it is sufficiently ascertainable and certain) and*

*c) the application of that domestic laws in conformity with the general principles of the Convention: the detention must properly be for one of the grounds covered by Article 5(1) (a)-(f) as intepreted by the Court and the individual must be protected from arbitrariness.”*

65. Għalhekk, meta persuna jiċċaħħad mill-ħelsien tiegħu, huwa imperattiv li dan isir skont il-liġijiet tal-pajjiż u dan dejjem li ma jsirx arbitrarjament. (Ara **Giulia Manzoni vs Italy** Applic Numru 19218/91 deċiż mill-Qorti Ewropea fl-1 ta’ Lulju 1997.)

66. Din il-Qorti tissottolinea li għar-reat addebitat lir-rikorrent, m’hemm l-ebda dubju dwar il-legalita` tal-kundizzjonijiet maħruġa mal-ordni ta’ liberta’ kundizzjonata li setgħet titqies bħala arrest domiċiljarju, liema ordni kienet waħda raġonevoli u ġustifikata meta ġiet emmessa, tenut kont tal-gravita` tar-reat li bih kien akkużat ir-rikorrent.

67. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-leġislazzjoni nostrana, sa llum, ma tikkontemplax il-prinċipju ta’ ‘arrest domiċiljarju’, għalkemm il-partijiet jagħmlu użu profikwu ta’ tali frażi, u dana peress il-Liġi tħalli d-deċiżjoni finali dwar jekk akkużat għandux jingħata l-ħelsien mill-arrest jew le kif ukoll il-kundizzjonijiet li għandha timponi unikament f’idejn il-Maġistrat illi jkun a konoxxenza tal-fatti kollha li bih qed jiġi attribwit l-akkużat, liema Maġistrat huwa ċertament l-aħħjar arbitru, fiċ-ċirkostanzi, biex jistabilixxi l-għoti ta’ tali liberta’ w il-kundizzjonijiet imponibbli.

68. Jiġi ippreċiżat li fir-rikors promotur, ir-rikorrent mhuwiex bl-ebda mod, jallega li d-detenzjoni tiegħu kienet b’xi mod jew ieħor leżiva ta’ dan l-artikolu 5. Għalkemm, jinvoka l-Artikolu fit-talbiet, fir-rikors, ir-rikorrent mhuwiex jallega li d-detenzjoni tiegħu kienet leżiva. Ir-rikorrent ma jgħidx

li l-arrest domiċiljarju kien illegali iżda li għandu jitqies bħala 'deprivation of liberty', dan għaliex meta huwa ingħata l-arrest domiċiljarju kien issuġġettat għal kundizzjonijiet restrittivi.

69. L-Avukat tal-Istat issottometta fis-sottomissjonijiet, li fil-każ tar-rikorrent kien hemm ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-arrest domiċiljarju tiegħu, meta jitqies is-serjeta tal-akkużi kontrih, u l-biża' li jista' jikkometti reat ieħor, b'hekk l-Avukat tal-Istat qed jikkontendi li l-arrest domiċiljarju kien ġustifikat, proporzjonat u fi ħdan il-parametri tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

70. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet qed tikkunsidra l-att li bih kien akkużat ir-rikorrent, u ikkunsidrat li kien fl-interess tal-ordni pubblika u sabiex ma jiġix kommess reat ieħor li r-rikorrent inżamm b'arrest domiċiljarju għal ħames xhur nieqes jumejn.

71. Tajjeb jingħad, li r-rikorrent ingħata din il-facilita` restrittiva ta' arrest domiċiljarju għal ftit xhur, u flok ma ntbagħat il-ħabs, kif kien hemm id-dritt li jintalab mill-prosekuzzjoni, tħalla jmur jgħix id-dar mal-famija tiegħu - liema benefiċċju ċertament ma kienx ikollu kieku kien magħluq il-ħabs. Evidentement, f'dawn il-każijiet ta' arrest domiċiljarju, l-individwu ikollu l-fakolta` li jkompli jgawdi l-ambjent fejn jgħix kif ukoll l-ambjent familjari.

72. Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrent, għaliex ingħata din ir-restrizzjoni għal numru ta' xhur sakemm imbagħad ingħata d-digriet sussegwentment, li jista' joħroġ f'ċertu ħinijiet, huwa qed jilmenta li dan it-terminu ta' ħames xhur għandu jitnaqqaslu mill-piena.

73. Jiġi osservat, li r-reġim domiċiljarju nonosante li jirrestrinġi l-ħelsien tal-individwu huwa distint għal kollox mir-reġim tal-ħabs. Huwa minnu illi kien soġġett għall-restrizzjonijiet ta' ħruġ, iżda ċertament seta' jibqa' jgawdi l-familja tiegħu mill-qrib, fatt li ċertament ir-rikorrent donnu ma huwiex qiegħed jagħti importanza. Minbarra hekk, fil-każ in diżamina, ir-rikorrent inżamm taħt arrest domiċiljarju għal ħames xhur neqsin jumejn biss. Dan huwa fatt inkontestat.

74. Għalhekk, meta ikkunsidrati l-fatturi kollha fl-assjem tagħhom, din il-Qorti tqis li r-rikorrent m'għandux raġun jilmenta mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan għaliex id-dritt tiegħu għall-protezzjoni mid-detenzjoni kif sanċit bl-artikoli invokati ma ġiex leż meta ingħata l-ħelsien mill-arrest b'ċertu kondizzjonijiet ta' 'house arrest' għal terminu ta' kważi ħames xhur.

75. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrent, għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, billi l-Qorti ma issibx li ġie leż id-dritt tar-rikorrent skont l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea.

## L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea

76. L-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward, huwa ippernjat fuq il-fatt li r-rikorrent jallega li l-piena li hu stess ippatteġġja w issuġġerixxa hija bi ksur tal-liġi stante li qed jallega li l-piena ma kintix fil-parametri tal-liġi. Huwa f'dan is-sens li qed jinvoka l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

77. **L-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi hekk:

> *"1) Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkunu saru. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali ikun sar.*
>
> *2) Dan l-artikolu ma għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li fiż-żmien meta ikunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji Ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

78. L-Avukat tal-Istat issottometta li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hija inapplikabbli għall-każ tar-rikorrent.

79. Jiġi puntwalizzat, li sabiex japplika b'suċċess l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid jintwera u jiġi ppruvat, li ngħata piena akbar, li mhijiex meqjusa fil-parametri tal-liġi jew li tmur oltre` minn dak stipulat fil-liġi fiż-żmien meta twettaq ir-reat kriminali.

80. Din il-Qorti, wara li qieset il-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ, u tenut kont li l-piena li huwa stess ippatteġġja mhijiex bl-ebda mod bi ksur tal-liġi, issib, li l-ilment vantat mir-rikorrent b'referenza għal dan l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa infondat u mhuwiex ġustifikat.

81. **Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi huwa kemmxejn fatt inkredulu illi l-ewwel ir-rikorrent jaqbel ma' patteġġjament quddiem il-Qorti, u sussegwentement, l-istess rikorrent jipprova jikkontesta tali deċiżjoni permezz tal-proċeduri odjerni – bħas-soltu, dana huwa abbuzz sfaċċjat perpetwat b'mod ripetut minn grupp żgħir ta' konsulenti legali li jaħdmu prinċipalment fil-kamp Kriminali w li jagħmlu minn kollox biex jiskoġitaw u jivvintaw kawżi biex itawwlu proċeduri u, presumibbilment, jitħallsu tagħhom, stante li l-Qorti tifhem illi tali konsulenti ma humiex joffru s-servizzi tagħhom 'pro bono' jew permezz ta' Legal Aid.**

82. Dawna l-osservazzjonijiet ser jiġu riflessi fil-kap tal-Ispejjeż.

## Rimedju

83. Ikkonsidrat, li f'dan il-każ, ir-rikorrent qed jitlob li jiġi riżarċit għad-danni materjali u rimedji xierqa u effettivi għall-allegat leżjoni tad-drittijiet tiegħu.

84. Ir-rikorrent issottometta, li l-Qorti Ewropea meta sabet li l-każ dam aktar minn tmien snin, fil-każ **Milasi v Italy** deċiż fil-25 ta' Ġunju 1987, u fil-każ **Baggett v Italy** deċiż fil-25 ta' Ġunju 1987 iddikjarat li kien hemm dewmien irraġonevoli, u leżjoni tad-drittijiet tal-individwu.

85. Minn naħa l-oħra, l-Avukat tal-Istat sostna li jekk jinstab li kien hemm ksur ta' drittijiet fundamentali, dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet umani hija suffiċjenti. F'dan ir-rigward, l-Avukat tal-Istat fis-sottomissjonijiet, irrefera għall-każ Avukat **Cedric Mifsud noe vs Aġenzija Identita' Malta et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Ġunju 2022, fejn minkejja trapass ta' sitt snin, il-Qorti Kostituzzjonali ħassret is-sentenza appellata fejn kien ingħata kumpens ta' € 4,000 u ddikjarat li d-dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet kien rimedju biżżejjed.

86. Fil-fatt, l-Avukat tal-Istat jikkondividi li din il-Qorti għandha takkorda biss danni morali u mhux materjali.

87. F'dan il-kuntest, ta' min isemmi l-każ **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (29/01)** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 2009 fejn ingħad:

> *"Kif inhu imposta tir-rikors promotur, dan kjarament qed jitlob rimedju għall-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni - u kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-Artikolu 6, ir-rimedju għandu ikun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li ikunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta` in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossia reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża."*

88. Jiġi osservat, li f'kawżi rigwardanti dewmien irraġonevoli, kemm-il darba ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju suffiċjenti. (Ara **John Bugeja vs Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awissu 2003).

89. Jiġi osservat wkoll illi, fil-każ odjern, il-konsulenti legali tar-rikorrenti għażlu li jindirizzaw l-ilment tagħhom lejn l-Avukat tal-Istat, u dan, kif ġia sottomess mill-Avukat tal-Istat korrettement, fil-vesti tiegħu ta' rappreżentant tal-Gvern responsabbli għall-aġir tal-Qrati. Ebda azzjoni ma

ttieħdet kontra l-Avukat Ġenerali jew il-Pulizija, li mill-assjem tal-provi, ħareġ ċar li kienu l-kawża prinċipali ta' dewmien.

90. Għalkemm kull każ għandu l-fattispeċje tiegħu, allura l-kumpens akkordat fil-każ in eżami għandu jirrifletti ċ-ċirkostanzi partikolari, iżda l-Qorti tosserva li fost is-sentenzi li ngħataw reċentement fir-rigward ta' dewmien mhux raġonevoli hemm:

- **George Frendo vs Avukat Ġenerali et** deċiż minn din il-Qorti stess fit-8 ta' Novembru 2017, fejn ġie likwidat kumpens morali ta' € 2000 għal proċeduri li damu għaddejjin ħmistax-il sena.

- **Dr. Tancred Busuttil vs Avukat Ġenerali** (108/16) deċiż fit-2 ta' Lulju 2013 fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 fir-rigward ta' proċeduri li damu madwar 24 sena.

- **Joseph Manuel Galea u Joseph Attard vs Avukat Ġenerali** deċiż fil-15 ta' Mejju 2015, fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 2,500 kull wieħed fir-rigward ta' proċeduri li kienu għadhom pendenti wara 10 snin u f'dan il-perjodu ftit li xejn kien sar minn naħa tal-prosekuzzjoni fit-tmexxija tal-każ.

- **Joseph Gatt et vs Avukat Ġenerali deċiż fit-28 ta' Frar 2014 (25/10)** fejn il-Qorti illikwidat kumpens morali fis-somma ta' € 3,000 għal kawża li damet għaddeja erbgħin sena wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti kienu passivi għal snin sħaħ dwar dan id-dilungar tal-proċeduri mingħajr ma ħadu azzjoni sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tagħhom.

91. In vista tal-kunsiderazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq, u meħudin iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ in eżami, il-Qorti sejra takkorda lir-rikorrent is-somma ta' elf Euro (€ 1,000) bħala danni morali u rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tiegħu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati difensuri tar-rikorrent u tal-intimat Avukat tal-Istat;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa' limitatament** it-talbiet tar-rikorrent kif ġej:

**Tilqa’** t-talba fejn jirrigwarda t-trapass taż-żmien u dewmien irraġjonevoli filwaqt illi:

**Tiċħad** it-talba fejn jirrigwarda n-nuqqas li jitnaqqas mill-piena inflitta l-perjodu li qatta’ taħt arrest domiċiljarju, u għalhekk:

**Tiddikjara** li t-trapass taż-żmien u d-dewmien irraġjonevoli li ttieħed sabiex ġew konklużi l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu illedew id-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

**Tilqa’ t-tieni talba** u takkorda lir-rikorrent kumpens morali ta’ elf Ewro (€ 1,000) bħala rimedju effettiv għall-ilment Kostituzzjonali tiegħu, liema kumpens għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat.

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrent għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 5 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll abbażi tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

**Dwar l-ispejjeż,** kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur